

Mario Fenech

# Il-kwadru ta' San Ġużepp fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Għaxaq

Il-Kult Ġużeppin fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal għaxaq minn dejjem kien wieħed mifrux sew mal-poplu tar-raħal. Il-Fratellanza ta' San Ġużepp li hemm f'din il-knisja flimkien mal-Każin tal-Banda San Ġużepp kull sena jorganizza Festa kbira ad Unur dan il-qaddis.

Fil-korsija tal-Knisja hemm l-Artal ta' San Ġużepp li qiegħed l-aħħar wieħed fuq in-naħa tax-xellug qabel ma tgħaddi għall-Kappellun. Dan l-artal kien diġà jeżisti fis-sena 1650. Il-Fratellanza ta' San Ġużepp ġiet imwaqqfa fuq dan l-istess artal nhar it-2 ta' Diċembru 1750 bl-istatut jiġi approvat nhar it-13 ta' Marzu 1756.

Fl-istess sena tat-twaqqif tal-Fratellanza fuq dan l-artal ta' San Ġużepp tpoġġa wkoll inkwadru, xogħol l-artist magħruf Malti Francesco Zahra. Jista' jkun li l-fatt li kien tpoġġa dan il-kwadru dik is-sena saħħaħ aktar lid-devoti ta' San Ġużepp biex iwaqqfu l-Fratellanza, kif fil-fatt ġara, lejn l-aħħar tal-istess sena. Fid-19 ta' Marzu kienet issir il-Festa ta' San Ġużepp kif ukoll il-Festa tal-Anġlu Kustodju fit-2 ta' Diċembru.

F'dan il-kwadru ta' San Ġużepp l-artist wera l-kapaċitajiet tiegħu kemm fil-kompożizzjoni kif ukoll fl-iskala ta' kuluri wżati. Fiċ-ċentru tat-tila nsibu lil San Ġużepp bilwieqfa bil-Bambin Ġesù f'idejh iżomm il-bastun twil bil-ġilju abjad f'idejh. Ir-riġel leminija ta' San Ġużepp qiegħda sserraħ fuq blata baxxa li quddiemha hemm l-għodda tal-mastrudaxxa. Dija ta' kulur dehbi tidher nieżla fuq il-bambin Ġesù mill-parti ta' fuq tat-tila fejn fuq it-tron magħmul minn sħab abjad li fuqu hemm il-figura tal-Missier Etern bix-xettru f'idu filwaqt li din qiegħda sserraħ fuq globu merfugħ minn anġlu jittajjar ma' ġenb il-Missier Etern. Fuq in-naħa tax-xellug fil-parti ta' isfel tal-kwadru hemm il-fgura kollha tal-Madonna bilqiegħda biswit il-bażi tal-kolonna bi ktieb f'idejha. Din ix-xena tal-Madonna bil-ktieb f'idejha tfakkarna fil-ġrajja tat-tħabbira tal-anġlu. Tant hu hekk li l-artist fuq il-bank biswita hemm ukoll ġilju abjad, xempju tas-safa tagħha.Fuq in-naħa l-oħra tat-tila hemm ix-xbieha tal-Anġlu Kustodju filwaqt li qiegħed jindokra tfajjel ċkejken huwa qiegħed jurih lill-Bambin Ġesù f'idejn San Ġużepp. Din il-figura tal-Anġlu Kustodju kienet ir-raġuni li għaliha kienet issir din il-festa fuq l-istess artal ta' San Ġużepp.

Il-Fratellanza ta' San Ġużepp ta' Ħal Għaxaq għandha l-unur kbir li fuq l-artal tagħha hemm dan il-kwadru tant sabiħ li ħareġ mill-pinzell ta' wieħed mill-artisti kbar li qatt raw dawn il-Gżejjer.

Nawguralkom il-Festa t-Tajba.



Il-kwadru ta' San Ġużepp fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Għaxaq

